# TRIBUNAL INDUSTRJALI

## DECIZJONI NUMRU 2667

**Kaz Numru 3531/CC**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Raymond Cassar**

**u**

**Montekristo Direct Ltd**

**dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta**

**<u>Chairman: Is-Sur Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)</u>**

**Nhar l-Erbgha 22 ta' Lulju, 2020**

- **Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrjali permezz ta' nota pprezentata mill-Appellant Raymond Cassar fir-Registru tal-Qrati Superjuri nhar l-20 ta' Frar, 2017, fejn sostna li t-terminazzjoni tal-impieg tieghu kien wiehed ingust u illecitu. Is-Socjeta' ntimata min-naha l-ohra sostniet li t-temm tal-impieg kien sar wara li l-Appellant ma kienx accetta li jokkupa l-kariga ta' Sales Person.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati miz-zewg partijiet, zamm disa' (9) seduti fejn sema' x-xhieda mressqa miz-zewg nahat, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ha 'in konsiderazzjoni' l-argumenti kif ipprezentati fit-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fiz-zmien xahar kif stabbilit mil-ligi kemm minhabba limitazzjonijiet ta' facilitajiet amministrattivi u anke kagun tas-sitwazzjoni li nholqot bil-pandemija Covid-19.

- **Rapprezentanza**

Raymond Cassar li minn issa l-quddiem ser jissejjah l-Appellant kellu l-assistenza ta' Dr. Ian Spiteri Bailey.

Montekristo Direct Ltd., li minn issa l-quddiem ser tissejjah is-Socjeta' ntimata kienet irrapprezentata minn Dr. Damian Cassar u Dr. Jean-Paul Sammut.

- **Fatti fil-qosor tal-kaz**

L-Appellant kien impjegat ma' MonteKristo Direct Ltd., nhar l-1 t'Ottubru, 2014, bhala *Salesperson.* L-Appellant isostni li l-kariga tieghu kienet dik ta' *Sales Manager*, kariga li baqa' fiha meta l-impjieg tieghu minn ma' MonteKristo Vineyards Ltd., kien gie trasferit wara li s-Socjeta' ntimata hadet *over* l-operat tal-kumpanija li maghha huwa kien impjegat. Huwa kien ilu mpjegat ma' Montekristo Vineyards Ltd sa mill-1 ta' Settembru, 2008.

L-impjieg tal-Appellant kien gie mitmum nhar l-24 t'Ottubru, 2016, wara li huwa kien notifikat fit-3 t'Ottubru, 2016, minn Joseph Spiteri ghan-nom tal-Bord tad-Diretturi li wara revizjoni tal-htigijiet operazzjonali tal-kumpanija il-post tieghu ta' *Sales Manager* kien ser jittiehed minn wiehed mid-Diretturi u bhala rizultat ta' dan, tali posizzjoni ma kienetx aktar mehtiega.

- **Gabra fil-qosor tax-xhieda**

**Raymond Cassar** beda x-xhieda tieghu billi qal li huwa kien gie mpjegat ma' Montekristo Vineyards Ltd., fl-1 ta' Settembru, 2008, bhala *Sales Manager.* Huwa spjega li f'Ottubru 2014 wara xi bdil fis-sidien / *partnership*, il-kumpanija nqalbet minn Vineyards ghal Direct Ltd.
Ix-xhud qal li minkejja li kienet saret *termination* u *re-employment* ma kienx inghata kuntratt gdid. Huwa spjega li l-paga baqghet l-istess u kollox baqa' ghaddej normali, nkluz il-grad li kellu.
Ix-xhud spjega li peress li kellu xi bilanc ta' *commissions* x'jiehu minghand Vineyards Ltd., huwa kien fetah proceduri quddiem l-Prim'Awla, liema proceduri ghadhom ma ntemmux. Ix-xhud qal li tali proceduri kien fetahhom ghaliex kien hemm xi bilanc ta' *commissions* li kien ghadu ma thallasx. Huwa sostna li tali hlas kien isir permezz ta' *cheque*.
Ix-xhud kompla li Direct Ltd., kienet irregistratu mall-*ETC* bhala *salesperson* izda zamm il-kundizzjonijiet ta' qabel. Izda anke hawn ma bediex jithallas il-*commissions*. U dan, sostna l-Appellant minkejja li tali *commissions* kienu fil-kuntratt tax-xoghol li kellu originarjament.
Ix-xhud qal li l-kuntratt kien iffirmat minnu u minn Dr. Albert Caruana li dak iz-zmien kien *CEO / General Manager* ghan-nom ta' Montekristo Vineyards Ltd.
Ix-xhud sostna li minkejja li kellu bidla fin-nomenklatura tal-grad tieghu, huwa

xorta baqa' jaghmel l-istess doveri. Huwa spjega li tali nomenkaltura li kienet tindika *Salesperson*, giet wara rrangatha mall-ETC ghal grad kif kien originali u cjoe ta' *Sales Manager*.
Ix-xhud spjega li x-xoghol kien maqsum *North* u *South*. Huwa qal li l-kumpanija kienet tbiegh mbejjed, ilma u luminata. Ix-xhud kompla li certu Steve li kien jaghmel xoghol bhalu kien baqa' fl-impieg meta kien gie mkecci hu minkejja li dan kien gie impjegat warajh.
Ix-xhud enfasizza li minkejja li l-impjieg tieghu kien gie terminat ghaliex il-posizzjoni ta' *Sales Manager* kienet giet abolita u ntqal li d-doveri kienu ser jittiehdu minn wiehed mid-Diretturi, ftit granet wara kienu gabu reklam ghal '*Full-Time Sales Rep.'*
Ix-xhud spjega li meta kien ma' Vineyards huwa kien *Sales Manager* u kien hemm tlett *Sales Reps* u flimkien kienu jduru Malta. Spjega li huwa kien jaghmel id-dawra tieghu u huma jaghmlu d-dawra taghhom, pero' huwa spjega li kien jiehu hsieb is-*sales* kollu, x'kien jigri, fejn qed isir il-bejgh u fejn mhux qed isir bejgh.
Ix-xhud qal li meta nqalbet Direct, kien wahdu u ftit wara dahal Steve, fejn allura dan Steve kien jara n-*North* u hu kien jara s-*South*. Huwa spjega li minn dak il-mument huwa beda jaghmel ix-xoghol tas-*South* biss. Kompla li kienu hadulu l-*computer*. Ix-xhud qal li minkejja li mall-qalba tal-kumpanija ghal ma' Montekristo Direct kienu tnaqqsulu xi doveri, huwa qatt ma kien infurmat li l-posizzjoni ta' *Sales Manager* kienet qed tigi abolita, u l-kariga tieghu kienet ser issir *Salesperson.* Ix-xhud tenna li kienet biss mat-terminazzjoni tal-impjieg li ntqal lilu li l-posizzjoni tieghu kienet ser tigi abolita. Ix-xhud sahaq li l-impjieg tieghu kien gie mitmum minhabba l-kawza pendenti li ghandu mall-Montekristo Vineyards.
Ix-xhud sostna li d-doveri deskritti fir-reklam li ghamlu kienu doveri li kien jaghmel hu.

**Joseph Spiteri** beda x-xhieda tieghu billi qal li huwa kien impjegat ma' Montekristo Beverages u Montekristo Vineyards bhala *Operations Executive*, fejn fost doveri ohra kien *in charge* tal-pagi. Huwa qal li mall-kumpanija Montekristo Direct Ltd., qatt ma kien impjegat ghaliex meta kien jahdem mall-kumpaniji riferuti qabel din kienet ghadha ma ffurmatx. Huwa qal li l-Montekristo Direct jiftakara topera biss bhala hanut.
Meta mistoqsi dwar kuntratt li kien sar bejn Montekristo Vineyards u l-Appellant huwa qal li huwa ma kienx wiehed mill-firmatarji izda dan kien iffirmat minn Charles Polidano. Ix-xhud kompla li ghal ftit zmien is-superjur tieghu kien Dr. Albert Caruana fil-kariga ta' *General Manager* u li sa fejn jaf hu dan kien impjegat *full-time*.
Fir-rigward ta' hlas ta' *commission* li kienet relatata mas-*sales* li jkunu saru mill-individwu, x-xhud qal li din kienet tithallas skont il-kuntratt tal-impjegat

koncernat. Huwa qal li sakemm kien impjegat mall-kumpanija tali *commission* kienet tkun ikkalkulata minn Martin Naudi, illum mejjet.
Ix-xhud spjega li sakemm kien impjegat Dr. Caruana huwa ma kienx baqa' jiehu hsieb il-pagi, u malli dan waqaf, beda jiehu hsiebhom Victor Bonello li kien l-assistent ta' Dr. Caruana, u wara xi 6 xhur qabad jiehu hsiebhom hu (x-xhud).
Ix-xhud qal li huwa baqa' jahdem il-*commission* fuq ir-rendikont li jkun hareg Naudi u fuq l-istess mod li kien jahdimhom Dr. Caruana. Ix-xhud tenna li hlas kien isir normalment b'cekk pero' gieli sar fi flus kontanti.
Ix-xhud qal li fir-rigward tal-hlas tal-*commission* mall-Appellant huwa kellu ftehim mieghu li hlas kien isir xi drabi kull 6 xhur u drabi ohra kull 3 xhur, jiddependi meta jkun f'posizzjoni li seta' jsir il-hlas.
Ix-xhud qal li jaf li fir-rigward tal-Appellant kellu ammont pendenti ta' *commission* x'jithallas ta' madwar € 15/16,000, u li minnhom kien thallas €2,500. Huwa kompla li min-naha tieghu huwa qatt ma ffirma xi kuntratt bejn l-Appellant u Montekristo Direct dwar *commission.*

**Avv. Albert Caruana** beda x-xhieda tieghu billi qal li huwa kien iforni servizzi lill-Montekristo Direct Ltd., bhala *Consulting General Manager* u dan a bazi ta' kuntratt ta' servizz, fejn il-pagamenti kienu jsiru lilu permezz ta' *invoicing*. Huwa stqarr li fost id-doveri li huwa kellu, kellu l-poter li jimpjega n-nies.
Ix-xhud filwaqt li kkonferma li hu kien ingaggat mas-Socjeta' ntimata bhala *Consultant General Manager*, ikkonferma wkoll li hu kien iffirma l-kuntratt tax-xoghol tal-Appellant. Huwa spjega li l-*commission* ta' 1% li kienet tinghata lill-impjegati tas-socjeta' ntimata kienet tkun ibbazata fuq is-*sales* tal-klijenti li jkunu ngiebu mis-*salesman* partikolari. Ix-xhud qal li huwa qatt ma hadem il-*commission* tal-Appellant u dan peress li s-servizzi tieghu lill-kumpanija kienu waqfu erba' xhur wara li kien gie mpjegat l-Appellant. Huwa kompla li sakemm kien responsabbli hu, l-hlas tal-*commission* dejjem sar b'cekk.

- **Sintesi tat-trattazzjonijiet tal-kaz**

**Avv. Jean Paul Sammut** ghan-nom tas-Socjeta' ntimata beda billi qal li r-raguni tat-tmiem tal-impjieg tal-Appellant kienet ghaliex id-doveri tieghu bhala *Sales Manager* kienu ser jibdew isiru minn Direttrici wahda mill-*owners* u dan sabiex ikun hemm aktar kontroll u *organisation*. Huwa qal li r-reklam li kien sar ma kienx ghal *Sales Manager* izda ghal *Sales Person*.
Dwar il-*commission*, l-Avv. Sammut sostna li ma jistax jifhem kif l-Appellant waqt li kien ghadu fl-impjieg qatt ma mar jirregistra l-ilment tieghu bil-kitba dwar in-nuqqas ta' hlas li skont hu kellu jiehu ta' snin b'lura.
Huwa rrefera ghall-inkonsistenza fix-xhieda ta' Joseph Spiteri fejn dan qal li l-hlas daqqa kien isir fi flus kontanti u xi drabi b'cekk. Huwa qal li l-fatt li kien isir hlas fi flus kontanti turi li dan il-hlas kien qed isir bil-mohbi tad-Diretturi. Huwa

qal li min-naha tal-Appellant ma gew ipprezentati l-ebda *sales* biex jindikaw x'*commission* kienet dovuta.
Dwar il-posizzjoni ta' Dr. Caruana, l-Avv. Sammut sostna li huwa qatt ma kien impjegat mas-Socjeta' u allura qatt ma seta' jkun awtorizzat minn xi hadd sabiex jiffirma kuntratti ta' mpjieg.
L-Avv. Sammut tenna li s-Socjeta' ntimata qatt ma kellha kwistjonijiet dwar li l-Appellant ma jaghmilx xogholu sewwa, jew li ma jimxix ma' l-ordnijiet li jinghata jew qatt kellu xi problemi ta' dixxiplina.
Huwa ddeskriva bhala sfortuna meta l-kumpanija l-gdida hadet *over* l-operat tal-kumpanija ta' qabel u forsi l-Appellant hassu skomdu jahdem mad-Diretturi godda.

**Avv. Ian Spiteri Bailey** ghan-nom tal-Appellant beda billi qal li din il-kawza tittratta kemm tkeccija ngusta u anke hlasijiet pendenti ta' *commissions*.
Huwa ta rendikont ta' kif l-impjieg tal-Appellant kien gie trasferit appena sehh it-trasferiment ta' negozju minn Montekristo Vineyards ghall-Montekristo Direct.
L-Avv. Spiteri Bailey wara ghamel referenza ghall-fatt li malli l-kuntratt originali tal-impjieg tal-Appellant u li kien iffirmat minn Dr. Albert Caruana bhala *General Manager* kien gie esebit f'kawza civili separata kontra Montekristo Vineyards, l-Appellant safa issensjat, bir-raguni tat temm tal-impjieg tkun li d-doveri tieghu kienu ser jibdew isiru minn xi Direttur, u kif ftit tal-granet wara s-Socjeta' ntmata ghamlet reklam sabiex timpjega *Full-time Outdoor Sales Representative* b'doveri simili ghal li kellu l-Appellant qabel gie ssensjat.
Dwar dak li nghad li Dr. Caruana qatt ma kien awtorizzat jiffirma kuntratti ta' mpjegati, l-Avv. Spierti Bailey sahaq li kieku dan kien minnu, l-istess Diretturi kienu jitilghu jixdhu u jmeru dan waqt il-process
Huwa qal li matul il-process is-Socjeta' ntimata fl-ebda mument ma meriet dawn il-fatti izda kkoncentrat biss fuq il-kwistjoni tal-*commissions*.
Dwar il-*commissions*, l-Avv. Spiteri Bailey ghamel referenza ghax-xhieda li kien ghamel Dr. Albert Caruana waqt dan il-process fejn sostna li kien hu li kien ta l-kuntratt lill-Appellant u li fih kien jinkludi l-hlas ta' *commission*. Huwa tenna li anke x-xhieda ta' Joseph Spiteri tikkonferma l-hlas ta' *commissions* fejn dan kien qal li tali hlas kien isir kultant b'cekk u xi drabi fi flus kontanti.
L-Avv. Spiteri Bailey sahaq li galadarba kien hemm kuntratt iffirmat bejn zewg partijiet dwar il-hlas tal-*commissions*, il-kumpanija biex tinhall minnu riedet taghmel kuntratt iehor u mhux minn rajha taqbad u ma tosservahx taht l-iskuza li tali kuntratt jew ma kienx jezisti u jew min iffirmah ma kienx awtorizzat.

Dwar l-ammont preciz ta' *commissions* li l-hlas taghhom qatt ma sar, l-Avv. Spiteri Bailey qal li dan ma setghetx tinghata figura preciza ghaliex id-dettallji tas-*sales* kienu fuq il-*computer* tax-xoghol li kien juza l-Appellant u li

kien ittehidlu appena kien infurmat bit-tmiem tal-impjieg tieghu. Huwa qal pero' li jekk wiehed jiehu l-kalkolu kif gie stabbilit quddiem il-proceduri fil-Prim Awla dan huwa ta' madwar €4,000 fis-sena.

- **Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

Il-kompitu ta' dan it-Tribunal kien li jiddeciedi dwar zewg fatturi u cjoe jekk it-terminazzjoni mill-impjieg tal-Appellant bhala kienetx ghal raguni tajba u bizzejjed skond il-ligi u dwar hlasijiet ta' *commissions* li l-Appellant isostni li huma dovuti lejh. Dan ghamlu billi analizza l-fatti u xtarr bir-reqqa dovuta l-argumenti kollha mqajjma matul dan il-process, u dan kif gew sponuti mix-xhieda u dokumenti prodotti mill-partijiet.

Dan it-Tribunal jaghraf illi kemm l-impjieg tal-Appellant mas-Socjeta' ntimata u anke l-ghoti tal-*commissions* ghandhom bazi komuni u cjoe li huma identifikati f'kuntratt tax-xoghol li kien iffirmat bejn l-Appellant u Dr. Albert Caruana fil-kapacita tieghu ta' *Consultant General Manager* ma' Montekristo Vineyards Ltd., nhar l-1 ta' Settembru, 2008. L-impjieg huwa ndikat f'Art 1.1 u l-*commissions* f'Art.5.1.3 tal-kuntratt riferut.

Dan it-Tribunal jaghraf ukoll illi l-impjieg tal-Appellant kien ghadda ghand Montekristo Direct Ltd., nhar l-1 t'Ottubru, 2014, wara li kien sehh trasferiment ta' negozju bejna u bejn Montekristo Vineyards Ltd. F'dan l-ambitu dan it-Tribunal itenni l-obligazzjonijiet legali li dahlet ghalihom Montekristo Direct Ltd meta sehh tali trasferiment ta' negozju, u dan fl-inkwadratura tal-Legislazzjoni Sussidjarja 452.85 Art 3A (1), ' Regolamenti Dwar Harsien tal-Impiegi Fit-Trasferiment Ta'Negozju', fejn hemm specifikat b'mod car li 'Wara trasferiment, il-kuntratt tal-impjieg ta' kull persuna li giet impjegata minn min qed jittrasferixxi ghandu jkollu effett daqs li kieku sar originarjament bejn il-persuna hekk impjegata u l-persuna li qed tircievi t-trasferiment'.

It-terminazzjoni tal-impjieg giet mgharrfa lill-Appellant nhar it-3 t'Ottubru, 2016, permezz ta' ittra ffirmata minn Joseph Spiteri ghan-nom tal-Bord tad-Diretturi, u li kienet intitolata '*Termination of your employment by reason of post abolished*'. L-Appellant gie nfurmat li l-post tieghu kien ser jittiehed minn wiehed mid-Diretturi u li b'rizultat ta' dan, il-posizzjoni tieghu m'ghadiex mehtiega. Intqal lilu wkoll illi din id-decizjoni ma kienetx riflessjoni tal-prestazzjoni tieghu. F'dik l-ittra kien infurmat ukoll li kien tpogga fuq il-perjodu ta' *notice* kif stipulat mil-ligi.

Fir-rigward tal-abolizzjoni tal-post tal-Appellant, matul il-process gie mistqarr min-naha tas-Socjeta' ntimata, li l-irwol li kien jaghmel l-Appellant kienet ser tibda issir minn Direttur tal-kumpanija. Din mhi xejn ghajr ammissjoni cara li l-funzjoni li kien jaghmel l-Appellant kienet ghadha mehtiega u li x-xoghol li

kien jaghmel, kien ghadu qed isir minn haddiehor. **Dan it-Tribunal isostni b'fermezza li biex grad ikun dikjarat bhala abolit irid ikun ifisser li x-xoghol li kien isir minn dak il-grad ma baqax mehtieg u ma baqax isir.** It-Tribunal jikkonkludi li fil-kaz ittrattat dawn il-kriterji kienu assenti. Di piu' dan it-Tribunal huwa ukoll konxju li perjodu qasir wara li l-Appellant safa ssensjat is-Socjeta' ntimata rreklamat sejha sabiex timtela l-vakanza ta' *Full-time Outdoor Sales Representative.* Vakanza li d-doveri marbutin maghha kienu verosimili ghad-doveri li kien iwettaq l-Appellant.

Dwar l-ghoti tal-*commissions*, dan it-Tribunal iqies li kemm ix-xhieda ta' Joseph Spiteri u anke ta' Dr. Albert Caruana tafferma mhux biss l-ezistenza ta' tali beneficcju izda anke li hlas relatat kien effettivament isir.

It-Tribunal xtarr b'attenzjoni massima l-argumentazzjoni min-naha tas-Socjeta' ntimata fejn sahqet li Dr. Albert Caruana ma kellux l-awtorizzazzjoni li jiffirma kuntratt tax-xoghol ta' mpjegat u dan ghaliex l-istess Dr. Caruana ma kienx impjegat tal-kumpanija u fejn allura bhal qed tigi kontestata l-validita tal- kuntratt tal-impjieg tal-Appellant.

It-Tribunal iqies din l-argumentazzjoni bhala wahda bla bazi u dan minn varji aspetti. L-ewwelnett il-posizzjoni ta' Dr. Caruana kienet vinkolata minn kuntratt datat 1 t'Awwissu, 2006, fejn hemm indikat b'mod car li huwa ser iservi lill-kumpanija fil-kapacita ta' *General Manager* u x'kienu r-responsabilitajiet tieghu. U fejn tali kuntratt huwa ffirmat minn Charles Polidano bhala *Managing Director* u minn Dr. Caruana. It-tieni, meta fl-1 t'Ottubru, 2008, il-kumpanija kienet irregistrat mall-ETC (illum JobsPlus) lill-Appellant bhala mpjegat taghha kienet qieghda tirrikonoxxi l-kuntratt tax-xoghol riferut.

Dwar il-hlasijiet tal-*commissions*, min-naha tas-Socjeta' nghad li dan kien qed isir minghajr awtorizzazzjoni bhal speci bil-habi. Dan it-Tribunal jaghraf li galadarba s-Socjeta' ntimata rrikonoxxiet dik il-klawsola tal-kuntratt tax-xoghol tal-impjegat meta hija effettivament impjegat lill-istess Appellant allura ma setghetx tkun selettiva u ma tirrikonoxxiex il-klawsola li kienet tirrigwardja l-*commissions*.

Fil-mankanza tad-dettalji tas-*sales* li l-Appellant ghamel matul il-perjodu Ottubru 2014 - Ottubru 2016, liema dettalji kienu jinsabu fil-*laptop* li kien juza l-Appellant u li kien jinsab ghand is-Socjeta' ntimata, it-Tribunal ser jikkonsidra l-kumpens tieghu f'dan ir-rigward b'ammont approssimattiv a bazi ta' kif gie stabbilit quddiem proceduri simili li hemm involuti fihom l-istess Appellant u Montekristo Vineyards Ltd fil-Prim Awla.

Dan it-Tribunal ma setax ma josservax kif min-naha tas-Socjeta' ntimata ma ressqet l-ebda Direttur jew xi prova konvincenti sabiex dak li kien qed isostni l-

Appellant ikun konfrontat. Dan kemm fir-rigward tat-temm tal-impjieg u anke fir-rigward tal-hlas tal-*commissions*.

Fit-trattazzjoni finali min-naha tas-Socjeta' ntimata nghad li '…..forsi s-Sur Cassar (l-Appellant) hassu skomdu jahdem mad-Diretturi l-godda meta ttiehdet il-Montekristo Direct Limited hadet *over* l-*operation* tal-kumpanija Montekristo Vineyards…..'. Il-modalita' li ntuzat sabiex jintemm l-impjieg tal-Appellant igieghel lil dan it-Tribunal jemmen li jekk kienet tezisti skumdita din kienet bil-kuntrarju.

**Decizjoni**

Tenut kont tal-mod kif gew ipprezentati l-fatti f'dan il-process, it-Tribunal, ma jhossx bhala accettabbli l-mod komparattivament facli li bih giet mitmuma l-esperjenza lavorattiva bejn l-Appellant u s-Socjeta' ntimata.

F'dan l-isfond, it-Tribunal jiddikjara t-temm ta' l-impieg in kwistjoni bhala wiehed ingust u wara li gie meqjus it-tul tas-servizz lavorattiv tal-Appellant mall-kumpanija jiffissa kumpens pagabbli fis-somma ta' €11,000.

Dwar il-hlas tal-*commissions* dovuti, dan it-Tribunal jiddikjara li l-Appellant ghandu jithallas mis-Socjeta' ntimata s-somma ta' €8,000 u dan ghal perjodu ta' bejn Ottubru 2014 u Ottubru 2016.

Fid-dawl ta' din id-decizjoni, s-Socjeta' ntimata ghandha thallas lill-Appellant l-ammont shih ta' €19,000 fi zmien tmien gimghat mid-data ta' din id-decizjoni.

Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)
**Charles Cassar**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**